IL-MUNXAR

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 14-2020(15_04_2020) – Laqgħa b'urġenza**

**15 ta' April 2020**

Fid-dawl taċ-ċirkustanzi preżenti tal-Corona Virus (Covid-19), il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' *online* permezz ta' *Microsoft Teams* ® fis-1.30 ta' waranofsinhar.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Damien Spiteri - Sindku
Is-Sa Carmela Parnis - Viċi Sindku
Is-Sur Mark Busuttil - Kunsillier
Is-Sur Joseph Cauchi - Kunsillier
Is-Sinjura Juliet Attard - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sa Kimberly Spiteri - Deputat Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Il-laqgħa tmexxiet mis-Sindku, is-Sur Damien Spiteri.

**14.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

14.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji għaliex kulħadd kien preżenti.

**14.2 Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv ġdid**

14.2.1 Din il-laqgħa b'urġenza qiegħda tissejjaħ sabiex jiġi nominat Deputat Segretarju Eżekuttiv ġdid wara li d-Deputat Segretarju Eżekuttiv preżenti bagħtet ir-riżenja tagħha, li ġiet aċċettata, u dan fid-dawl tar-riżultat tal-Bord tal-Għażla għall-Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv ġdid għall-Kunsill Lokali Il-Munxar.

Is-Sindku nnomina lis-Sur Ryan Debrincat, li f'Mejju 2020 ser jibda bħala s-Segretarju Eżekuttiv il-ġdid tal-Kunsill Lokali Il-Munxar, sabiex wara li jiġi approvat mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u mill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali jkun maħtur id-Deputat Segretarju Eżekuttiv bħalissa.
Il-Kunsill qabel b'mod unanimu ma' din in-nomina.

Is-Sindku spjega l-proċedura ta' kif jinħatar Deputat Segretarju Eżekuttiv. Is-Sur Ryan Debrincat ser jiġi infurmat b'din in-nomina u jintalab jibgħat l-aċċettazzjoni tiegħu, jew mod ieħor, sabiex imbagħad jiġu infurmati d-Dipartiment għall-Gvern Lokali u l-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali u eventwalment is-Sur Debrincat jiġi maħtur.

**14.3 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

14.3.1 Il-laqgħa aġġornat fis-1.40 ta' waranofsinhar. Il-Kunsill qabel li għandu jerġa' jiltaqa' nhar l-Erbgħa, 22 ta' April 2020 fil-5:30 ta' filgħaxija iżda mbagħad il-Kunsill iddeċieda li jbiddel id-data għal nhar il-Ħamis, 30 ta' April 2020 fis-6:00 ta' filgħaxija.

Dawn il-Minuti ġew ippreparati mis-Sa Kimberly Spiteri, Deputat Segretarju Eżekuttiv.

**IFFIRMATA**

Ryan Debrincat
Deputat Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-Minuti ġew approvati fil-Laqgħa tal-Kunsill Nru 15/2020 - 8 li nżammet nhar il-Ħamis, 30 ta' April 2020.

**IFFIRMATA**

Damien Spiteri
Sindku